# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR CHEV. PAUL SALIBA L.P.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

Avviz Numru 42/99GT

Salvu Cassar

-vs-

John Carauna

## It-Tribunal;

Ra t-talbiet attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm207.20), ammont minnu dovut lill-attur bhala prezz ta' diesel mibjugh u konsenjat lilu; jew ghar-restituzzjoni ta' l-istess diesel mibjugh lilu. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Dicembru 1998.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta'Dicembru 1999, li permezz tieghu, fuq talba tad-difensur ta' l-attur, giet kancellata t-tieni parti tat-talba attrici rigwardanti l-kliem "jew tirristitwixxi l-istess diesel mibjugh lilek".

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

a. illi d-diesel mibjugh lilu mill-attur ma kienx tal-kwalita' mixtieqa peress illi kien diesel "L.L.O." li generalment jintuza fil-fran u mhux tajjeb biex jintuza ghall-vetturi;

b. Illi konsegwentement, il-konvenut sofra hsarat fil-vettura tieghu kagunati bl-uzu tad-diesel LL.O. kif provdut mill-attur.

Ra l-kontro talba tal-konvenut ghall-kundanna ta' l-attur ghall-hlas ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ammont dovut ghall-hsarat fil-vettura tieghu kagunati bl-uzu tad-diesel L.L.O. prodvut mill-attur lill-konvenut. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Dicembru 1998.

Sema' bil-gurament lill-partijiet u lix-xhieda prodotti mill-attur; ezamina d-dokument esebit u l-provi kollha prodotti; sema' s-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-psrtijiet u ha konjizzjoni tac-cirkustanzi kollha tal-kaz.

Jikkunsidra:

1. F'Marzu tas-sena 1998 il-konvenut, li ghandu zewg xarabanks, mar b'wahda minn dawn ix-xarabanks ghand l-attur, li ghandu pompa tal-petrol/diesel, u mela mill-pompa t-tank tax-xarabank bid-diesel, pero' ma hallasx ghal din il-konsenja tad-diesel. Dan il-hin huwa ghamel ordni ghall-konsenja ohra ta' diesel li l-attur kellu jittrasportahielu u jferraghhielu f'tank li kellu jigi provdut b'self mill-istess attur u kollokat fil-garaxx tal-konvenut. Lanqas ma sar hlas dak il-hin ghal din il-konsenja ordnata mill-konvenut.

2. Sussegwentement, il-konvenut rega' mar ghand l-attur u garr hu stess minghandu tank li gie kollokat fil-garaxx tal-konvenut. Wara li, skond ix-xhieda tal-konvenut, dan naddaf it-tank, l-attur baghat ghand il-konvenut il-konsenja ordnata tad-diesel. Din ingarret minn Michael Cremona, li hu impjegat bil-bouser ma' l-attur, u ferraghha fit-tank ta' l-attur li kien gie kollokat fil-garaxx tal-konvenut.

3. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jiddistingwi bejn l-ewwel u t-tieni konsenja ta' diesel li hu ha minghand l-attur.

(a) Dwar l-ewwel konsenja, cioe' dik li hu ha meta mar bix-xarabank tieghu ghand l-attur u mela t-tank tax-xarabank mill-pompa ta' l-attur, il-konvenut qal hekk: "Dan l-ammont jien nammetti li ghandi naghtihulu ghax m'hemmx problemi dwaru".

(b) Il-kontestazzjoni tieghu qed jillimitha ghad-diesel li nghatalu fit-tieni okkazzjoni. Il-konvenut xehed: "Li qed nikkontesta hu l-ammont li jirrigwarda l-konsenja li ghamilli bil-bouser ghax ma gablix il-kwalita' ta' diesel li xtaqt jien".

4. Mill-invoice esebita u markata dok LC1, jirrizulta li l-ewwel konsenja ta' diesel lill-konvenut saret fl-4 ta' Marzu 1998. Kif gia inghad, dwar il-kwalita' tad-diesel li l-konvenut ha dakinhar ma ghandu ebda lment u lest li jhallas il-valur tieghu.

Dwar it-tieni konsenja, li mill-istess invoice jirrizulta li saret fit-28 ta' April 1998 (kwazi xahrejn wara), il-konvenut xehed hekk:

"*Nghid illi dan id-diesel ma kienx ta' kwalita' tajba ghall-vettura, tant li kkagunali xi hsara fil-pompi tad-diesel. Dawn zviluppaw "blockage" tant li kelli nieqaf meta kelli l-passiggieri fix-xarabank.*

*Dakinhar li waqaft bghatt ghall-mechanic. Dan gie u bidel il-filtru u x-xarabank ghall-mument bdiet tahdem. Pero' wara xi gimgha, u kont ghadni qed nuza l-istess diesel, marru z-zewg pompi tad-diesel. Allura ma bqajtx nuza l-istess diesel imma bdejt niehu minn pompa ohra, u ma kellix problemi aktar".*

Fil-kontroezami, il-konvenut ippreciza li hu ghandu zewg xarabanks u l-hsara grat fihom it-tnejn wara li tefaghlhom mill-istess diesel. Meta semma zewg pompi, hu kien qed jirreferixxi ghall-pompa f'kull wahda minn dawn iz-zewg xarabanks.

5. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut kompla jirrileva s-segwenti:

(a) Il-kulur tad-diesel in kwestjoni kien differenti minn ta' dak li huwa xtara sussegwentement minghand haddiehor, fis-sens li dak ta' l-attur kien aktar oskur minn dak ta' haddiehor, oltre li dak ta' l-attur kien fih riha differenti. U zied jispjega: "Jiena sirt naf bil-kwalita' tad-diesel waqt ix-xoghol. Ma indunajtx qabel, lanqas bir-riha differenti, peress li ma kontx nifhem. Ma tajtx kaz tal-kulur tad-diesel meta bdejt nimla x-xarabank mit-tank".

(b) Jghid li meta l-attur u l-lavrant tieghu talbuh biex ihallas, il-konvenut irrispondihom li dak it-tip ta' diesel ma kienx tajjeb u ghamillu hsara fix-xarabanks. Jghid ukoll (il-konvenut) li l-lavrant ta' l-attur - li rrizulta li kien Michael Cremona - kien wiegbu li

"jista' jkun li fil-bouser kien fadal xi materjal iehor li seta' thallat mad-diesel". Michael Cremona jichad li l-konvenut qallu xi kliem simili. Hu xehed hekk: "Wara gie li xi tliet darbiet iltqajt mieghu bix-xarabank barra, u ergajt fakkartu biex ihallas. Kien jghidli: "Issa nigi biex nirranga". Lili qatt ma lmenta mieghi dwar l-istess diesel, u qatt ma qalli li mhux se jhallas".

(c) Il-konvenut zied jghid li hu hallas lill-mechanic mitejn (Lm200) talli sewwielu l-hsara, inkluz f'dan l-ammont anke l-prezz tal-parts illi tbiddlu. Hu ghamel jumejn wieqaf, pero' ma qaghadx idahhal fl-ammont pretiz fil-kontro talba teighu x-xoghol li tilef.

(d) Fix-xhieda tieghu, il-konvenut kompla jghid: "it-tank, li kien fadal fih ftit mid-diesel hazin, kienet giet persuna ghalih li qaltli li baghatha l-attur, u fil-fatt haditu". Fil-kawza fl-istess ismijiet, Avviz numru 25/00GT/PS, li giet deciza llum, il-konvenut allega li din il-persuna li rtirat minghandu t-tank, bil-ftit diesel li kien fadal fih, kienet Peter Paul Said. Pero' l-konvenut ma hax interess li lil din il-persuna jipproduciha bhala xhud f'din il-procedura.

6. Fix-xhieda tieghu, l-attur irrileva s-segwenti:

(a) L-ewwel darba li l-konvenut ilmenta mieghu dwar il-kwalita' allegatament hazina tad-diesel kien wara li l-konsulent legali ta' l-attur kien kitiblu biex ihallas il-kont taz-zewg konsenji. Qabel, qatt ma rcieva minghand il-konvenut xi ilment simili.

(b) Id-diesel, bhas-soltu, l-attur xtrah minghand il-Korporazzjoni Enemalta. Mill-pompa tal-petrol tieghu, huwa jissupplixxi diesel lil diversi klijenti ohra, u qatt ma kellu xi complaint minghand xi hadd minnhom. Ilhu f'dan in-negozju 'l fuq minn tletin sena. F'dik l-okkazzjoni tal-konsenja lill-konvenut, id-diesel inghata mill-istess pompa lil haddiehor ukoll, u ma kien hemm ebda lment dwar kwalita'. Lanqas dwar petrol ma qatt kellu lmenti.

(c) Kienu jmorru ghand l-attur in-nies tal-Koporazzjoni Enemalta biex jiccekkjaw tant il-petrol kif ukoll id-diesel. Lanqas dawn ma qatt ghamlulu xi osservazjoni dwar kwalita'.

(d) L-attur xehed li hu ma jafx x'inhu diesel L.L.O. Huwa heating oil ma jgibx u ma jbieghx.

7. Flavia Cassar, mart l-attur, li f'idejha hija fdata l-amministrazzjoni tan-negozju ta' zewgha, cioe' li hija hi li tibghat il-kontijiet, xehdet hekk:

*"Wara xi zmien, bdejt nibghat lill-konvenut il-kont taz-zewg konsenji. Kont nibghathomlu bl-idejn permezz ta' l-istess lavrant taghna. Minn dak iz-zmien 'il hawn, il-konvenut qatt ma gie jkellimna. Qatt ma tana ebda raguni ghaliex ma jridx ihallas".*

Il-lavrant ta' l-attur imsemmi fix-xhieda ta' Flavia Cassar kien ix-xhud Michael Cremona.

8. Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal jghaddi ghas-segwenti konkluzjonijiet u kif inhi l-prassi konsweta, jibda bil-kontro talba.

A. (I) Il-konvenut jghid li, bhala konsegwentza ta' l-allegata hsara li hu jghid li giet kagunata minn kwalita' hazina ta' diesel supplit lilu mill-attur, huwa sofra danni fil-pompa ta' kull wahda miz-zewg xarabanks tieghu. Jghid li qabbad lill-mechanic biex isewwilu din il-hsara u hallsu l-ammont ta' Lm200, inkluz il-prezz tal-parts li tbiddlu.

(ii) Kif gie kostantement ritenut, il-piz tal-prova jinkombi dejjem fuq min jallega u mhux fuq min jinnega, u dana fuq l-iskorta tal-principju guridiku *"onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat".* Kif jidher ukoll mill-verbali ta' diversi seduti successivi, il-konvenut, moghti kull opportunita', bl-ebda mod ma ikkorrobora l-versjoni tieghu stante li:

- la ipproduca lill-mechanic bhala xhud biex jispjega l-konsistenza u l-kawza tal-hsara allegata;

- u lanqas ma esebixxa ebda ricevuta jew dokument iehor rigwardanti t-tiswija ta' l-istess hsara.

(iii) Ghalhekk, in difett ta' prova kwalunkwe in sostenn tal-pretensjoni tieghu, il-kontro talba tal-konvenut ma tirrizultax provata u ghalhekk qeghdha tigi respinta.

B. Fir-rigward tal-mertu tat-talba principali, anke f'dan il-kaz il-piz tal-prova jaqa' fuq il-konvenut li jissustanza l-kontestazzjoni tieghu fis-sens li d-diesel in kwestjoni minnu akkwistat minghand l-attur ma kienx tal-kwalita' mixtieqa u li dan ikkaguna hsara fil-pompi tax-xarabanks ta' l-istess konvenut.

(i) Din il-prova l-konvenut ma ipproducihiex, nonostante li gie moghti kull opportunita' mit-Tribunal ghal dan il-fini. Mhux biss ma pproduciex lill-mechanic bhala xhud u lanqas ma pprezenta ebda dokument relattiv, izda lanqas ma pproduca bhala xhud lil Peter Paul Said li hu jghid li kien gie ghandu u ha lura t-tank bil-ftit diesel li kien fadal fih. Kif lanqas ma ha interess li, qabel ma jaghti lura t-tank, izomm bhala sample li jkun jista' jipproducieh bhala prova mill-istess diesel.

(ii) Mill-banda l-ohra, kemm l-attur, kemm martu, kif ukoll l-impjegat taghhom Michael Cremona, ilkoll ikkonfermaw bil-gurament li l-konvenut qatt ma ilmenta maghhom dwar il-kwalita' tad-diesel.

(iii) Fl-ahharnett, huwa inkoncepibbli li min ikun sofra danni bhalma jallega li sofra l-konvenut, jibqa' frisk bla ma jiehu hu l-inizjattiva li jmur u jilmenta direttament mas-supplier tieghu li minghandu jippretendi li tkun originat il-hsara u jibqa' daqstant iehor passiv anke meta jkun qed jircievi l-kontijiet b'domanda ghall-hlas.

(iv) Fid-dawl tal-premess, it-talba attrici tirrizulta provata u qeghdha tigi akkolta.

9. Fir-rigward tal-*quantum* pretiz mill-attur, jirrizulta li dan, ammontanti ghal mitejn u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm207.20) jirrapprezenta erbatax-il lira Maltin u sebghin centezmu (Lm14.70) ghall-ewwel konsenja, li l-konvenut ammetta li huma dovuti minnu ghaliex ma kienx hemm ebda problema dwarhom u mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm192.50) ghat-tieni konsenja, li kif diga' inghad jirrizulta li dwarha l-kontestazzjoni tal-konvenut ma gietx pruvata, u ghalhekk anke dan l-ammont ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm192.50) huwa dovut mill-konvenut lill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jirrespingi l-kontro talba maghmula mill-konvenut kontra l-attur peress illi din ma gietx pruvata;

2. Jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghat-talba attrici rigwardanti l-kwalita' tad-diesel mibjugh u konsenjat mill-attur lill-konvenut.

3. Jilqa' t-talba attrici ghall-hlas ta' mitejn u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm207.20), ammont dovut mill-konvenut lill-attur bhala prezz ta' diesel mibjugh u konsenjat lill-istess konvenut; u konsegwentement.

4. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' mitejn u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm207.20) dovuta ghar-ragunijiet premessi, flimkien ma' l-imghaxijiet dekorribbli mil-lum.

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut.

(ft.) P.L. Paul Saliba
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur